REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/198

tat-30 ta' Jannar 2023

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-abamektina f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-abamektina, il-livelli massimi tar-residwi (MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Matul ir-rieżami ta' dawk l-MRLs f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") identifikat xi informazzjoni fl-opinjoni motivata ([2]) tagħha bħala mhux disponibbli għal ċerti prodotti. L-informazzjoni disponibbli kienet biżżejjed biex l-Awtorità tipproponi MRLs li huma sikuri għall-konsumaturi u l-lakuni fid-*data* ġew indikati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament filwaqt li ġiet speċifikata d-data sa meta l-informazzjoni nieqsa kellha tiġi sottomessa lill-Awtorità b'appoġġ għall-MRLs proposti.

(3) L-applikant ressaq id-*data* nieqsa flimkien ma' talba bbażata fuq l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 biex jiġu mmodifikati l-MRLs eżistenti għall-abamektina f'ċerti prodotti.

(4) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, din l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Istat Membru kkonċernat u r-rapport ta' evalwazzjoni tressaq lill-Kummissjoni.

(5) L-Awtorità vvalutat l-applikazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni, u eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for abamectin according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2014;12(9):3823.

(6) Fit-23 ta' Jannar 2020, l-Awtorità ppubblikat opinjoni motivata dwar l-evalwazzjoni tad-*data* konfermatorja mressqa wara r-rieżami tal-MRL skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u dwar it-talba biex jiġu mmodifikati l-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-abamektina f'diversi komoditajiet ([3]).

(7) Għal-lewż, għall-ġellewż, għall-ġewż, għall-passolina (sewda, ħamra, u bajda), għar-ribes bix-xewk (ħadra, ħamra, u safra), għall-papaja u għaċ-ċikwejra, l-informazzjoni dwar il-provi tar-residwi ma ġietx sottomessa mill-applikant. L-Awtorità kkonkludiet li d-diskrepanza fid-*data* għalhekk ma ġietx indirizzata biżżejjed u li l-maniġers tar-riskju jistgħu jikkunsidraw li jistabbilixxu jew iżommu dawk l-MRLs fil-limitu ta' determinazzjoni (LOD). Għalhekk, għal dawn il-prodotti, jixraq li l-MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu stabbiliti fl-LOD. Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat l-Anness II u li titħassar ir-referenza dwar informazzjoni addizzjonali minn dak l-Anness.

(8) Għall-isfarġel, għan-naspli, u għan-naspli tal-Ġappun, l-applikant ippropona li jiġi dderivat MRL ibbażat fuq Prattiki Agrikoli Tajbin (GAP) alternattivi. Dan l-użu u l-provi tar-residwi diġà ġew ivvalutati f'opinjoni motivata preċedenti ([4]). L-Awtorità kkonkludiet li d-*data* dwar ir-residwi kienet biżżejjed biex tappoġġa proposti aktar baxxi għal dawk il-prodotti. Għalhekk jenħtieġ li għal dawk il-prodotti, l-MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu stabbiliti fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(9) Għall-weraq tal-karfus, għall-fażola bil-miżwed u għall-piżelli bil-miżwed, l-Awtorità kkonkludiet li d-*data* dwar ir-residwi kienet biżżejjed biex tappoġġa l-MRL għal dawk il-prodotti. Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jenħtieġ li l-MRLs għal dawk il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-applikant.

(10) F'konformità mal-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tressqet applikazzjoni għat-tolleranza għall-abamektina użata fuq ċerti prodotti fl-Istati Uniti.

(11) L-applikant isostni li l-użi awtorizzati tal-abamektina fuq għelejjel bħal dawn f'dak il-pajjiż iwasslu għal residwi ogħla mill-MRLs stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li huma meħtieġa MRLs ogħla sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dawk l-għelejjel.

(12) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawn l-applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni.

(13) L-Awtorità vvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapport ta' evalwazzjoni, u eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali.

(14) Fl-10 ta' Lulju 2020, l-Awtorità ppubblikat opinjoni motivata dwar l-iffissar ta' tolleranzi tal-importazzjoni għall-abamektina f'diversi għelejjel ([5]).

(15) Fir-rigward tal-modifiki tal-MRLs mitluba mill-applikant għall-avokado, għall-krexxuni u għal ġelbiena u nebbieta oħra, għall-krexxuni tal-art, għall-aruka, għall-għelejjel tal-weraq żgħir (inklużi l-ispeċijiet tal-brassika), għall-ħass u għall-pjanti tal-insalata oħra, għall-burdlieqa, għall-bużbież ta' Firenze u għaż-żerriegħa tal-qoton, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kompletezza tas-sottomissjoni tad-*data* ġew issodisfati u li l-modifiki tal-MRLs mitluba mill-applikant kienu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur abbażi ta' valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur għal 27 grupp speċifiku tal-konsumaturi Ewropej. L-Awtorità qieset l-aktar tagħrif reċenti dwar il-karatteristiċi tossikoloġiċi tas-sustanza. La l-esponiment għal dawn is-sustanzi tul il-ħajja permezz tal-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom minnhom, u lanqas l-esponiment għal żmien qasir ma wrew li hemm xi riskju li jinqabżu d-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza. Għalhekk, għal dawn il-prodotti, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell mitlub mill-applikant.

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on evaluation of confirmatory data following the Article 12 MRL review and modification of the existing maximum residue levels for abamectin in various commodities. *EFSA Journal* 2020;18(1):5989.

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the modification of the existing MRLs forabamectin in various crops. *EFSA Journal* 2015;13(7):4189.

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on setting of import tolerances for abamectin in various crops. *EFSA Journal* 2020;18(7):6173.

(16) Fil-kuntest tal-proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva abamektina f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), l-Awtorità ppubblikat konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju ([7]) ta' dik is-sustanza attiva. L-Awtorità pproponiet, abbażi tal-istudji tan-newrotossiċità fil-fażi tal-iżvilupp, li jenħtieġ li jiġu stabbiliti doża aċċettabbli ta' kuljum (ADI) u doża akuta ta' referenza (ARfD) aktar baxxi.

(17) Fit-3 ta' Frar 2021 u f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tipprovdi opinjoni motivata li tivvaluta r-riskji fuq ċerti MRLs eżistenti għall-abamektina li jistgħu joħolqu għall-konsumaturi, fid-dawl tal-ADI u l-ARfD aktar baxxi.

(18) Fis-6 ta' Ottubru 2021, l-Awtorità ppubblikat opinjoni motivata dwar il-valutazzjoni ffukata ta' ċerti livelli massimi ta' residwi eżistenti ta' tħassib għall-abamektina ([8]).

(19) Għat-tuffieħ, għal-lanġas u għall-iskalora/indivja tal-weraq wiesa', l-Awtorità identifikat riskji inaċċettabbli fir-rigward tal-MRLs attwali. L-Istati Membri ġew ikkonsultati u ntalbu jirrapportaw il-GAPs ta' riżerva potenzjali li jwasslu għal MRLs sikuri għall-konsumaturi. Għat-tuffieħ u għal-lanġas, ma setax jiġi propost GAP ta' riżerva mill-Istati Membri. Id-*data* ta' sostenn ma kinitx disponibbli għall-GAP irrapportat għall-iskalora/indivja tal-weraq wiesa'. Għalhekk, ma seta' jiġi derivat l-ebda MRL għat-tuffieħ, għal-lanġas u għall-iskalora/indivja tal-weraq wiesa'. Għalhekk, għal dawn il-prodotti, jixraq li l-MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu stabbiliti fl-LOD.

(20) Għall-frawli, għat-tadam, għall-ħjar, għall-qarabagħli, għall-ħass tal-ħaruf/insalata tal-qamħ, għall-ħass, għas-sorfolja u għat-tursin, l-Awtorità identifikat riskji inaċċettabbli fir-rigward tal-MRLs attwali. L-Istati Membri ġew ikkonsultati u ntalbu jirrapportaw il-GAPs ta' riżerva potenzjali li jwasslu għal MRLs sikuri għall-konsumaturi. L-Istati Membri identifikaw tali GAPs għall-frawli, għat-tadam, għall-ħjar, għall-qarabagħli, għall-ħass tal-ħaruf/insalata tal-qamħ, għall-ħass, għas-sorfolja u għat-tursin. Għalhekk, l-Awtorità rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għal dawk il-prodotti. Għalhekk, għal dawn il-prodotti, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(21) Għall-bżar ħelu, l-Awtorità identifikat riskji inaċċettabbli għall-konsumaturi bl-MRLs attwali. L-Istati Membri ġew ikkonsultati u ntalbu jirrapportaw il-GAPs ta' riżerva potenzjali li jwasslu għal MRLs sikuri għall-konsumaturi. L-Awtorità kkonkludiet li għalkemm l-Istati Membri identifikaw GAP ta' riżerva għall-bżar ħelu, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għall-bżar ħelu jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dan l-MRL; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(22) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi dwar il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti LODs. Għall-abamektina, dawk il-laboratorji pproponew LODs speċifiċi għall-prodotti li huma fattibbli b'mod analitiku.

(23) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom.

(24) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(25) Sabiex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni jew importati fl-Unjoni qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Dan huwa l-każ għall-prodotti kollha ħlief għat-tuffieħ, għall-lanġas, għall-frawli, għat-tadam, għal-bżar ħelu, għall-ħjar, għall-qarabagħli, għall-ħass tal-ħaruf/insalata tal-qamħ, għall-ħass, għall-iskarola/indivja bil-weraq wiesa', għas-sorfolja u għat-tursin.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309 24.11.2009, p. 1).

([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance abamectin. EFSA Journal 2020;18(8):6227.

([8]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Focused assessment of certain existing MRLs of concern for abamectin. EFSA Journal 2021;19(10):6842.

(26) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jaddattaw ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(27) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fir-rigward tas-sustanza attiva abamektina fil-prodotti kollha u fuqhom għajr għat-tuffieħ, għall-lanġas, għall-frawli, għat-tadam, għall-bżar ħelu, għall-ħjar, għall-qarabagħli, għall-ħass tal-ħaruf/insalata tal-qamħ, għall-ħass, għall-iskarola/indivja bil-weraq wiesa', għas-sorfolja u għat-tursin, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jkompli japplika għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel l-20 ta' Awwissu 2023.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-20 ta' Awwissu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonna għall-abamektina hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Abamektina (is-somma ta' avermektina B1a, avermektina B1b u isomeru delta-8,9 ta' avermektina B1a, espressa bħala avermektina B1a) (R) (F)
(1)	(2)	(3)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	
0110000	**Frott taċ-ċitru**	0,04
0110010	Grejpfrut	
0110020	Larinġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	**Ġewż tas-siġar**	**0,01** (*)
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	**Pomu**	
0130010	Tuffieħ	**0,006** (*)
0130020	Langas	**0,006** (*)
0130030	Sfarġel	**0,02**

(1)	(2)	(3)
0130040	Naspli	**0,02**
0130050	Naspli tal-Ġappun	**0,02**
0130990	Oħrajn (2)	**0,01** (*)
0140000	**Frott tal-għadma**	
0140010	Berquq	0,02
0140020	Ċiras (ħelu)	0,01 (*)
0140030	Ħawħ	0,02
0140040	Għanbaqar	0,01 (*)
0140990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**	
0151000	(a) **għeneb**	0,01 (*)
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) **frawli**	**0,08**
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	
0153010	Tut	0,08
0153020	Tut salvaġġ	0,01 (*)
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	0,08
0153990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**	0,01 (*)
0154010	Mirtill	
0154020	Cranberries	
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	
0154050	Warda skoċċiża	
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	
0154080	Frott tas-sebuqa	
0154990	Oħrajn (2)	
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**	
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**	0,01 (*)
0161010	Tamal	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Lariġ tal-qsari	
0161050	Karambola	

(1)	(2)	(3)
0161060	Kaki	
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	
0161990	Oħrajn (2)	
0162000	(b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir**	0,01 (*)
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frott tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir**	
0163010	Avokado	**0,02**
0163020	Banana	0,02
0163030	Mango	0,01 (*)
0163040	Papaja	**0,01** (*)
0163050	Rummien	0,01 (*)
0163060	Ċerimoja	0,01 (*)
0163070	Gwava	0,01 (*)
0163080	Ananas	0,01 (*)
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	0,01 (*)
0163100	Durian	0,01 (*)
0163110	Il-frotta tal-annona	0,01 (*)
0163990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**	0,01 (*)
0211000	(a) **patata**	
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**	
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**	
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għeruq tal-mustarda	

(1)	(2)	(3)
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin ta' Hamburg	
0213080	Ravanell	
0213090	Leħjet il-bodbod	
0213100	Swedes	
0213110	Lift	
0213990	Oħrajn (2)	
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,01 (*)
0220010	Tewm	
0220020	Basal	
0220030	Xalotti	
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	
0220990	Oħrajn (2)	
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae***	
0231010	Tadam	**0,015**
0231020	Bżar ħelu	**0,03(+)**
0231030	Brunġiel	0,09
0231040	Bamja	0,01 (*)
0231990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**	
0232010	Ħjar	**0,02**
0232020	Ħjar tal-pikles	0,04
0232030	Zukkini	**0,02**
0232990	Oħrajn (2)	0,04
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**	0,01 (*)
0233010	Bettieħ	
0233020	Qara' aħmar	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn (2)	
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**	0,01 (*)
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**	0,01 (*)
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**	0,01 (*)
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**	0,01 (*)
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	
0242990	Oħrajn (2)	
0243000	(c) **brassika bil-weraq**	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	0,05
0243020	Kaboċċi ("kales")	0,01 (*)
0243990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0244000	(d) **ġdur**	0,01 (*)
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	**0,08**
0251020	Ħass	**0,03**
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	**0,01** (*)
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	**0,08**
0251050	Krexxuni tal-art	**0,08**
0251060	Aruka	**0,08**
0251070	Mustarda ħamra	0,01 (*)
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	**3**
0251990	Oħrajn (2)	**0,08**
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**	
0252010	Spinaċi	0,01 (*)
0252020	Burdlieq	**0,1**
0252030	Weraq tas-selq	0,01 (*)
0252990	Oħrajn (2)	**0,1**
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	0,01 (*)
0254000	(d) **krexxuni**	0,01 (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	0,01 (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	
0256010	Maxxita	**0,03**
0256020	Kurrat selvaġġ	2
0256030	Weraq tal-karfus	**0,03**
0256040	Tursin	**0,03**
0256050	Salvja	2
0256060	Klin	2
0256070	Timu	2

(1)	(2)	(3)
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	2
0256090	Weraq tar-rand	2
0256100	Stregun	2
0256990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
0260000	**Legumi**	
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	**0,08**
0260020	Fażola (bla mżiewed)	0,01 (*)
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	**0,08**
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	0,01 (*)
0260050	Għads	0,01 (*)
0260990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	
0270010	Spraġ	0,01 (*)
0270020	Kardun	0,01 (*)
0270030	Krafes	0,05
0270040	Bużbież ta' Firenze	**0,03**
0270050	Qaqoċċ	0,01 (*)
0270060	Kurrat	0,01 (*)
0270070	Rabarbru	0,01 (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,01 (*)
0270090	Qlub tal-palm	0,01 (*)
0270990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01 (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**	0,01 (*)
0300010	Fażola	
0300020	Għads	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	
0300990	Oħrajn (2)	
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	0,01 (*)
0401020	Karawett	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0,01 (*)
0401040	Ġulġlien	0,01 (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,01 (*)
0401060	Żerriegħa tal-lift	0,01 (*)
0401070	Fażola tas-sojja	0,01 (*)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	0,01 (*)
0401090	Żerriegħa tal-qoton	**0,02**
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	0,01 (*)
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	0,01 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	0,01 (*)
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*	0,01 (*)
0401140	Qannebusa	0,01 (*)
0401150	Fażola tar-riġnu	0,01 (*)
0401990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	0,01 (*)
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn (2)	
0500000	**ĊEREALI**	0,01 (*)
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajn (2)	
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	0,05 (*)
0610000	**Tejiet**	
0620000	**Kafeni**	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**	
0631000	(a) **mill-fjuri**	
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	

(1)	(2)	(3)
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi**	
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	
0633000	(c) **mill-għeruq**	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**	
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**	
0650000	**Ħarrub**	
0700000	**ĦOPS**	0,1
0800000	**ĦWAWAR**	
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Karwija	
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	

(1)	(2)	(3)
0820070	Vanilja	
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	
0820990	Oħrajn (2)	
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**	
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)
0840020	Ġinġer (10)	
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	0,05 (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	**Ħwawar tal-aril**	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu	
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	
0900990	Oħrajn (2)	
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**	
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**	
1011000	(a) **mill-ħnieżer**	0,01 (*)
1011010	Muskoli	
1011020	Xaħam	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1011990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
1012000	(b) **mill-annimali bovini**	
1012010	Muskoli	0,01 (*)
1012020	Xaħam	0,01 (*)
1012030	Fwied	0,02
1012040	Kliewi	0,01 (*)
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,02
1012990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
1013000	(c) **min-nagħaġ**	
1013010	Muskoli	0,02
1013020	Xaħam	0,05
1013030	Fwied	0,025
1013040	Kliewi	0,02
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,05
1013990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
1014000	(d) **mill-mogħoż**	
1014010	Muskoli	0,01 (*)
1014020	Xaħam	0,01 (*)
1014030	Fwied	0,02
1014040	Kliewi	0,01 (*)
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,02
1014990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
1015000	(e) **mill-ekwini**	
1015010	Muskoli	0,01 (*)
1015020	Xaħam	0,01 (*)
1015030	Fwied	0,02
1015040	Kliewi	0,01 (*)
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,02
1015990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
1016000	(f) **mill-pollam**	0,01 (*)
1016010	Muskoli	
1016020	Xaħam	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn (2)	
1017000	(g) **minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn**	
1017010	Muskoli	0,01 (*)
1017020	Xaħam	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)
1017030	Fwied	0,02
1017040	Kliewi	0,01 (*)
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,02
1017990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
1020000	**Ħalib**	0,01 (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	**Bajd tal-għasafar**	0,01 (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0,05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	0,01 (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,01 (*)
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	0,01 (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**	
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**	
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**	

(*) Jindika limitu minimu ta' kwantifikazzjoni analitika

([a]) Il-lista shiha tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, tinsab fl-Anness I

Abamektina (is-somma ta' avermektina B1a, avermektina B1b u isomeru delta-8,9 ta' avermektina B1a, espressa bħala avermektina B1a) (R) (F)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin ta' pestiċida u numru tal-kodiċi: Abamektina — kodiċi 1000000 għajr għal 1040000: avermektina B1a

(F) Solubbli fix-xaħam
L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi li mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk tiġi sottomessa sal-31 ta' Jannar 2025, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.
0231020 Bżar ħelu"